kna ta' passi li mxiet il-proża Maltija f'perijodu ta' dwar disgħin sena, jiġifieri minn De Soldanis sakemm għall-ewwel darba deher xi ktieb tal-Qari Malti għat-Tfal ta' l-Iskejjel tal-Gvern. Qabel id-dħul ta' xi kotba tal-Qari Malti fl-Iskejjel ma niltaqgħux ħlief ma' tagħmira wisq żgħira tal-letteratura Maltija: xi manuskritti ta' prietki bil-Malti, Katekiżmu ta' Wiżżino (1752), xi djalogi ta' De Soldanis, traduzzjoni ta' Vanġelji ta' Cannolo u Vassalli, Storja tas-Sultan Ċiru (traduzzjoni ta' Vassalli), Stedina fuq il-ħtieġa tat-Tagħlim ta' Kitba Maltija ta' Vassalli u xi ktejjeb tal-Qari ta' Francis Vella. Mill-Libertà ta' l-Istampi 'l hawn nibtet il-proża ġurnalistika li sakemm ħareġ is-"Sebħ" tax-Xirka Xemïa ma nistgħux ingħidu li għandha tingħadd bħala fergħa ta' kitba letterarja Maltija, kif ukoll ma jistgħux jingħaddu bħala eżempji ta' proża serja dawk ir-romanzi u rakkonti, il-biċċa l-kbira traduzzjonijiet, (neħħi dawk ta' Ġ. Muscat Azzopardi, u xi waħdiet oħra) li f'għeluq is-seklu li għadda bdew jinkitbu minn dilettanti għall-qligħ tal-flus. Kienet ix-Xirka Xemïa li bdiet tagħti lill-proża Maltija x-xejra letterarja bil-kitba ta' Preca, Ġan Anton Vassallo, Napuljun Tagliaferro, Bellanti, Testaferrata u xi oħrajn. Minn dik l-epoka aħna u nqallbu fl-elenku tal-kitba Maltija bdejna niltaqgħu ma' xi bċejjeċ ta' proża tajba: storika, didattika, narrativa, reliġjuża minn kittieba ta' l-iskola li mill-pinna tagħhom il-poplu beda jixrob u jtiegħem il-fejda u t-tjubija tal-Malti letterarju. Waħda mill-isbaħ ġabra ta' proża tajba li għamlet il-ġid fil-moħħ u l-qalb tal-ġenerazzjoni Maltija ta' dak iż-żmien kif ukoll tal-lum, hija dik is-sensiela ta' kotba bl-isem ta' Mogħdija taż-Żmien ta' Fonzu Marija Galea. Ir-rumanzi ta' A. E. Caruana u ta' Ġużè Muscat Azzopardi fetħu t-triq għall-proża romanzeska. Din ix-xorta ta' kitba prożajka, li fl-aħħar perijodu ta' tletin sena ta' ħajja letterarja Maltija kotrot bir-romanzi, rakkonti, stejjer u novelli li nkitbu minn kittieba xjuħ u żagħżagħ, kompliet dejjem tgħammar il-ħażna ta' materjal prożajk Malti, iżda b'dana kollu, għad ma nistgħux ingħidu illi l-proża Maltija laħqet fil-valur letterarju lil dik tal-poeżija.

Il-lsien Malti, għandna niftakru, ma bediex bħal ilsna oħra, bil-kitba ta' proża jew poeżija, iżda bl-istudji fuq in-nisel, il-morfoloġija u l-lessiku tiegħu. Kien Vassalli li fetaħ it-triq tat-tagħlim skolastiku tal-Malti.



Il-poeżija, qabel il-proża, jidher li ħajret lil xi wħud. fosthom lil Bonamico u De Soldanis stess biex isemmgħu l-ħlewwa tal-Malti b'ritmu kemm xejn klassiku (1672-75), maqtugħ minn dak il-għana bikri tal-għannejja tat-triq li tiegħu fadlilna xi ħjiel fuq dak li ħallielna miktub għall-ewwel darba G. Navarro (1791) u G. Percy Badger (1838). Il-proża, għalhekk, kellha bir-raġun kollu ddum xi ftit iżjed mill-poeżija ma ttalla' rixha u tiżżejjen b'libsa li jixraqilha u li taqbel, maż-żminijiet u progress ta' ilsna oħra, b'letteratura wisq iżjed qadima minn tal-lum.

Insibu wkoll illi l-proża tagħna għadha nieqsa minn xi argumenti li fihom il-prożaturi tagħna għadhom ma rawmux il-pinna tagħhom u dawn huma: argumenti awtobijografiċi, didattiċi, epistolari, dissertatorji, eċċ. Fost il-proża narrativa u romanzeska jonqos iktarx l-element psikoloġiku, soċjali, fil-waqt li fil-proża drammatka l-istil klassiku f'argumenti storiċi ta' l-epoka qadima, kif ukoll in-naturalezza fid-djalogar b'vokabolarju u frażjoloġija xierqa u mexxejja u bla kliem safi li jista' jtellef l-effett ta' l-espressjoni xenika, f'argumenti ta' l-epoka moderna.

Infittxu għalhekk li nimlew dan il-vojt jekk irridu jkollna letteratura mirquma u sħiħa kif jixraq għaż-żminijiet li aħna fihom, l-epoka tad-deheb tal-Lsien Malti.

## NHAR L-EWWEL QUDDIESA

Din it-talba li ġejja ġiet magħmula mill-Qassis ġdid Patri Karm. Fenech, S.J.*, nhar l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu, fil-Parroċċa ta' S. Pubblju, il-Furjana, il-15 ta' Awissu, 1955.

**O Ġesù, Qassis għal dejjem, żomm il-qaddejja Tiegħek fil-kenn tal-Qalb Imqaddsa Tiegħek, fejn ħadd ma jista' jagħmlilhom xejn. Agħti l-qawwa 'l fommhom miżbugħ bid-Demm prezzjuż Tiegħek. Żommhielhom safja u maħlula mid-dinja 'l qalbhom minquxa bil-għelm tas-Saċerdozju glorjuż Tiegħek. Bierek ix-xogħol tagħhom bi frott kotrani, u agħmel li l-erwieħ li jaqdu jkunu fis-Sema l-kuruna tagħhom ta' dejjem.**

(*) P. Karm Fenech, S.J. huwa l-awtur tat-*Taħriġ fl-Ilsien Malti; Idjomi Maltin* u *Il-Qawl Malti*.